

## ORJENTAZZJONIJIET

## BANK ĊENTRALI EWROPEW

## LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-15 ta' Novembru 2007

li temenda l-Linja Gwida BĊE/2002/7 dwar l-obbligi ta' rappurtar ta' statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali

(BĊE/2007/13)

(2007/771/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikoli 5.1, 5.2, 12.1 u 14.3,

Billi:

- (1) L-Artikolu 8(3) tal-Linja Gwida BĊE/2002/7 tal-21 ta' Novembru 2002 dwar l-obbligi ta' rappurtar ta' statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali <sup>(1)</sup> jistabbilixxi li l-Kunsill Governattiv jirrevedi kull sena d-derogi mogħtija lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) li ma jistgħux jaderixxu ma' l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Linja Gwida.
- (2) Il-Linja Gwida BĊE/2005/13 tas-17 ta' Novembru 2005 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2002/7 dwar l-obbligi ta' rappurtar ta' statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali <sup>(2)</sup> u l-Linja Gwida BĊE/2006/6 inkludew derogi aġġornati mill-obbligi tar-rappurtar tad-*data* fir-rigward ta' l-Istati Membri li jkunuhom laqgħu adottaw l-ewro sa meta jiġu adottati dawk l-atti legali.
- (3) Ċipru se jadotta l-ewro fl-1 ta' Jannar 2008 u għandhom jiddaħħlu derogi fil-Linja Gwida BĊE/2002/7 fir-rigward ta' Ċipru.

- (4) Skond l-Artikolu 3.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Gvernatur tas-Central Bank of Cyprus għe mistieden biex jattendi l-laqgħa tal-Kunsill Governattiv li jadotta din il-Linja Gwida,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

*Artikolu 1*

L-Anness III tal-Linja Gwida BĊE/2002/7 huwa emendat skond l-Anness ma' din il-Linja Gwida.

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008.

*Artikolu 3***Destinatarji**

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-BĊNi ta' l-Istati Membri li adottaw l-ewro.

Magħmula fi Frankfurt am Main, 15 ta' Novembru 2007.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE**Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

<sup>(1)</sup> ĠU L 334, 11.12.2002, p. 24. Il-Linja Gwida kif emendata l-aħħar bil-Linja Gwida BĊE/2006/6 (ĠU L 115, 28.4.2006, p. 46).

<sup>(2)</sup> ĠU L 30, 2.2.2006, p. 1.

## ANNEX

L-Anness III mal-Linja Gwida BĊE/2002/7 huwa emendat kif ġej:

Fit-Tabella 1 (*Data* kurrenti), qed tiddaħħal is-sezzjoni li ġejja bejn is-sezzjonijiet intitolati "L-Italja" u "Il-Lussemburgu":

"ĊIPRU

4, 5/2-21/A, B, D-I	Self għal żmien qasir u għal żmien twil mogħti skond l-ekonomija totali, NFCs, OFIFAs, OFIs, FA, ICPFs, GG u HHs lil residenti u lil dawk li m'mhumiex, imqassma skond is-settur tal-kontroparti u ż-żona	Ir-raba' trimestru 2008"
---------------------	---	--------------------------